MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2025

Appell Inferjuri Numru 74/2024 LM

**Malta Public Transport (Operations) Limited**
*('is-soċjetà rikorrenti')*

***vs.***

**John Mercieca (K.I. nru. 0024369G)**
*('l-intimat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell prinċipali magħmul mill-intimat **John Mercieca (K.I. nru. 0024369G)** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat'], u magħmul ukoll b'mod inċidentali mis-soċjetà rikorrenti **Malta Transport Services (Operations) Limited** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà rikorrenti'] mil-lodo arbitrali mogħti fis-7 t'Awwissu, 2024 [minn issa 'l quddiem 'il-lodo appellat'] mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-

Ċentru Malti tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal' jew 'l-Arbitru'], li ddeċieda kif ġej:

> "*Għal dawn il-motivi l-Arbitru tiddeċiedi billi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, b'dan li tiddikjara li l-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-23 t'Awwissu, 2016 fi Triq Giorgio Borg Olivier, Rabat, Għawdex, ġara unikament tort tal-intimat John Mercieca; tiddikjara li d-danni sofferti mir-rikorrenti jammontaw għas-somma ta' erbat elef, mija wieħed u erbgħin Euro (€4,441); tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' €4,441 u dan in linea ta' danni; tikkundanna lill-intimat iħallas l-ispejjeż kollha ta' dan l-arbitraġġ, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment ma' dawn l-atti kontra s-soċjetà assiguratriċi GasanMamo Insurance Limited; kif ukoll, tikkundanna lill-intimat iħallas l-interessi legali fuq il-quantum tad-danni b'effett mid-data ta' dan l-Award sad-data tal-ħlas finali.*"

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-avviż tat-talba tagħha, is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija sostniet danni in segwitu għal inċident awtomobilistiku li seħħ fit-23 t'Awwissu, 2016 fi Triq Giorgio Borg Olivier, ir-Rabat, Għawdex bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 607 misjuqa minn Singh Aman Deep, proprjetà tas-soċjetà rikorrenti, u l-krejn bin-numru ta' reġistrazzjoni EBN 359, li kien qiegħed jiġi operat mill-intimat. L-ammont pretiż mis-soċjetà rikorrenti huwa fis-somma ta' erbat elef, erba' mija u wieħed u erbgħin Euro (€4,441). Is-soċjetà rikorrenti istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal fejn talbet li jiġi ddikjarat li l-intimat huwa responsabbli għall-inċident awtomobilistiku in kwistjoni, li jiġu likwidati d-danni fl-ammont ta' €4,441, li l-intimat jiġi ordnat iħallas l-ammont hekk likwidat u b'talba sabiex l-intimat iħallas anki l-ispejjeż tal-proċeduri ġudizzjarji.

3. L-intimat eċċepixxa illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti għaliex l-inċident in kwistjoni ma seħħx minħabba xi ħtija jew xi nuqqas min-naħa tiegħu, iżda seħħ unikament bi ħtija tas-sewwieq Aman Deep Singh, u żied jgħid li għalhekk m'hemmx danni x'jiġu likwidati favur is-soċjetà rikorrenti. Qal ukoll li mingħajr preġudizzju għal dan, u fi kwalunkwe każ, il-*quantum* tad-danni pretiżi mir-rikorrenti huwa kkontestat, u għandu jiġi ppruvat skont il-liġi. L-intimat qal li għalhekk m'hemmx lok għall-kundanna tiegħu għall-ħlas tad-danni favur ir-rikorrenti.

**<u>Il-lodo appellat</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-7 t'Awwissu, 2024, it-Tribunal iddeċieda li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu milqugħa, u għalhekk ikkundanna lill-intimat iħallas l-ammont ta' €4,441 in linea ta' danni u għall-ispejjeż kollha tal-arbitraġġ, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"Konsiderazzjonijiet***
>
> *Illi l-inċident in kwistjoni seħħ fi Triq Giorgio Borg Olivier, Rabat, Għawdex, fejn l-entratura u l-*exit *tal-*bus terminus *ta' Victoria, Għawdex. Triq Giorgio Borg Olivier, hija triq wiesgħa b'żewġ karreġġati fid-direzzjonijiet opposti. Fejn seħħ l-impatt, fuq in-naħa tax-xellug direzzjoni Qala, hemm* bus stop *irtirat 'il ġewwa u fuq in-naħa l-oħra hemm irtirat 'il ġewwa wkoll* splay *fejn jipparkjaw il-vetturi. L-intimat kien qed jopera* heavy plant machinery, *ossija pompa b'*arm *għolja. Wara li pparkja fl-i*splay, *ħareġ l-*outriggers *fuq iż-żewġ naħat, imbagħad beda jerfa' l-*arm *b'*remote *li l-intimat qal li hija "forma ta' żewġ* joy sticks*".*
>
> *Min-naħa l-oħra, is-sewwieq tal-BUS ħareġ mill-venda, dar lejn ix-xellug tiegħu u malli ġie biex jiddritta seħħ l-impatt mal-*arm *tal-pompa.*

*Illi f'dan l-Arbitraġġ tressqu diversi provi, konsulenti u teoriji, però l-aktar żewġ provi importanti kienu ż-żewġ cds, Dok. RO2 u Dok. RO3 li juru l-*video *meħud mill-*Bus Terminus*, qabel, waqt u wara l-impatt; kif ukoll* videos *meħuda mill-*Bus *in kwistjoni.*

*Illi minn dawn il-*videos *u b'mod partikolari minn ch07_20160823075421; 07_56_52_23_08_2016_1; u 07_56_52_23_08_2016_4 u jirriżulta s-segwenti:*

i. *Bi dritt il-pompa kien hemm BUS oħra pparkjata fuq il-*bus stop *li hemm fi Triq Giorgio Borg Olivier;*
ii. *Ix-xufier tal-BUS 607, ħareġ mill-venda u dawwar 'l isfel. Mill-*videos *ma <u>jidher</u> l-ebda ostakolu fit-triq;*
iii. *Biex dawwar 'l isfel, ix-xufier tal-BUS 607, invada bi ftit il-linja medjana ta' Triq Giorgio Borg Olivier, sakemm ġie biex jiddritta;*
iv. *Min-naħa l-oħra, wara li l-intimata rama l-*outriggers*, huwa jidher qed jopera l-*joy stick *minn fuq il-bankina fuq in-naħa ta' wara tal-pompa;*
v. *Waqt li bdiet tinfetaħ l-*arm*, mhux biss l-intimat ma kienx qed jagħti każ it-traffiku li kien għaddej fit-triq, iżda kien b'dahru lejn it-traffiku, okkupat f'konverżazzjoni ma' wieħed mill-ħaddiema li niżel minn vann li pparkja ftit aktar 'il fuq mill-pompa. Jidher li l-attenzjoni tal-intimat kienet iffukata fuq din il-persuna aktar milli fuq l-*arm *li kienet qed tinfetaħ.*
vi. *Waqt li l-BUS 607 waslet biex tiddritta, din intlaqtet mill-*arm *tal-pompa li kienet għadha qed tinfetaħ. L-*arm *laqtet in-naħa ta' fuq tal-*windscreen *tal-BUS b'mod li dan infaqa' u nkiser.*

*Illi dawn il-*videos *ixejnu t-teorija mressqa mill-intimat tul l-arbitraġġ li l-*arm *tinfetaħ biss b'mod orizzontali. Ċertament li l-parti tat-tarf tal-*arm *ma baqgħetx orizzontali tant li laqtet il-BUS waqt li din skorriet bi ftit il-linja medjana.*

*Illi l-pompa nħarġilha permess mill-Kunsill Lokali, f'liema permess* "kienet kundizzjoni tal-permess li ma tingħalaqx it-triq". *Ir-rappreżentanta tal-Kunsill Lokali, Miriam Attard, xehdet li* "Fl-esperjenza tiegħi jekk il-makkinarju qed jesporġi 'l barra mill-bankina għal fuq it-triq, dak ikun qed jostakola t-traffiku u għalhekk ikun jeħtieġ li tingħalaq it-triq bil-Wardens." *F'dan il-każ mir-ritratt 5/6 tal-eTars, il-pompa ma tidhirx ipparkjata fuq il-bankina, l-*outriggers *tal-pompa biss jinsabu fuq il-bankina. Ċiononostante, il-pompa nnifisha mhijiex qed tisporġi 'l barra b'mod li t-traffiku seta' jibqa' għaddej b'mod regolari. Il-kwistjoni għalhekk mhijiex l-ipparkeġġjar tal-pompa, u sa ċertu punt, lanqas jekk il-permess, imbagħbas u mhux, kienx ikopri l-ipparkeġġjar tal-pompa fit-triq. Il-punt huwa li l-ebda permess ma jagħti ċerta* carte blanche *lil operatur ta' makkinarju li jostakola jew joħloq xi forma ta' periklu għat-traffiku li jkun għaddej fit-triq normali. Makkinarju bħal dak in kwistjoni mhux biss kien jesiġi*

*attenzjoni sħiħa tal-operatur, iżda occorrendo l-assistenza ta' persuna oħra biex jara li mhux qed jinħoloq perikolu għat-traffiku li kien ġej min-naħa t'isfel u lanqas għal dak li kien ġej min-naħa ta' fuq. Dan japplika aktar fil-każ odjern, ladarba l-pompa kienet qiegħda ħdejn l-entratura/exit tal-venda tal-karozzi tal-linja.*

*Illi inoltre l-fatt li s-sewwieq tal-BUS skorra l-linja medjana bl-ebda mod ma jitfa' xi forma ta' ħtija kontributorja fuq is-sewwieq tal-BUS, speċjalment tenut kont li kien hemm karozza tal-linja oħra pparkjata fuq il-*Bus Stop *fuq ix-xellug tal-*exit *mill-venda (li lanqas biss ġiet indikata fl-eTars) u li minħabba fiha konsegwenzjalment kellu jisporġi aktar 'il barra qabel jiddritta. Ladarba l-linja medjana hija maqtugħa u in vista tal-fatt li s-sewwieq tal-BUS osserva t-triq miż-żewġ naħat qabel ħareġ mill-venda, huwa ma kiser l-ebda regolament tat-traffiku.*

*Illi l-unika post fejn ma ħarisx is-sewwieq tal-BUS huwa lejn l-ajru minn fejn kienet nieżla l-*arm *tal-pompa. Xi ħaġa li ma kinitx* foreseeable *u għalhekk ma setgħetx tiġi evitata mis-sewwieq tal-BUS.*

*Għaldaqstant, fl-isfond tal-premess, it-Tribunal iqis li l-intimat huwa responsabbli għall-inċident de quo stante li kien hu li kkawża l-inċident meta kien qed jimmanuvra* heavy plant machinery *mingħajr ebda kunsiderazzjoni għat-traffiku li kien għaddej u mingħajr ma assiugra ruħu li ma kienx qed jagħmel dan b'riskju għal ħaddieħor.*

***Danni***

*Permezz ta' verbal Ii sar fis-seduta tal-11 t'April, 2018, ġie ddikjarat li l-quantum tad-danni reklamat mir-rikorrenti ma kienx qed jiġi kkontestat."*

## **L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-22 ta' Awwissu, 2024, l-intimat talab lil din il-Qorti jogħġobha takkolji l-appell tiegħu, u tgħaddi sabiex tħassar u tirrevoka l-*lodo* arbitrali mogħti miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ fis-7 t'Awwissu, 2024, u filwaqt li tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-intimat. L-intimat spjega li l-Arbitru kellha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti u tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa minnu, ladarba l-inċident awtomobilistiku *de quo* ma kienx imputabbli għal xi ħtija jew nuqqas min-naħa

tiegħu, imma seħħ bi ħtija tas-sewwieq tas-soċjetà rikorrenti. Qal li għalhekk id-deċiżjoni tal-Arbitru hija manifestement żbaljata, u fil-fehma tiegħu hemm raġunijiet biżżejjed għalfejn din il-Qorti għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi u l-konklużjoni milħuqha mill-Arbitru.

6. L-intimat qal li fit-23 t'Awwissu, 2016, fi żmien meta huwa kien impjegat bħala *heavy plant driver* mas-soċjetà Road Construction Company Limited, huwa kien qiegħed jaħdem fi Triq George Borg Olivier, ir-Rabat, Għawdex, billi kien qiegħed jagħti s-siment ġewwa binja li tinsab faċċata tal-*bus terminus.* L-intimat spjega li l-proċess kien jinvolvi l-ippumpjar tas-siment minn pompa tal-konkrit (vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBN 359), li huwa kien ipparkja adjaċenti għas-sit in kwistjoni, għal ġewwa s-sit, bl-użu ta' mekkaniżmu li jissejjaħ l-id tal-pompa, li jestendi u jista' jitħaddem bħal *jib* ta' krejn. L-intimat ippreżenta diversi ritratti u anki diagrammi flimkien mar-rikors tal-appell tiegħu, sabiex jispjega aħjar kif kien it-tagħmir li kien qiegħed jagħmel użu minnu dakinhar tal-inċident, u kif kienet il-pożizzjoni tiegħu. L-intimat qal li wara li pparkja l-krejn fl-i*splay,* huwa fetaħ l-*outriggers* sabiex jiġġakkja l-krejn u jkun stabbli, u poġġa wkoll il-*cones* li baqgħu fl-art sakemm fuq is-sit waslu l-*wardens.* L-intimat qal li meta wasal, il-pompa kienet magħluqa, u din setgħet titħaddem *b'remote controller* li kienet fuqu. B'riferiment għall-mod kif beda jopera l-pompa, l-intimat spjega li huwa beda jerfagħha 'l fuq permezz ta' *remote control* li għandu forma ta' żewġ *joy sticks.* Qal li dan id-driegħ jieqaf jopera meta huwa jieqaf imiss il-*joy stick.* L-intimat qal li l-moviment li għamlet l-id tal-pompa kien li din infetħet b'mod li ġiet dritt 'il fuq. Qal li l-ftuħ tad-driegħ kien fid-direzzjoni tat-*terminus* u mhux lejn il-lemin tal-pompa, u d-driegħ ma ddurx 'il barra lejn it-*terminus*, iżda bi dritt il-

pompa, u ma tinqalax aktar 'il barra mill-pompa. Kompla jgħid li waqt li kien qiegħed jopera id-driegħ tal-pompa, huwa baqa' mal-ġenb tal-pompa fuq il-bankina lejn il-parti ta' wara tal-pompa, u minn fejn kien hu seta' jara d-driegħ tinfetaħ u seta' jara t-triq ukoll, u waqt li kien qed jiftaħ huwa kien qiegħed iħares lejn il-*jib.* Qal li waqt li huwa kien għaddej b'dan il-proċess, huwa lemaħ il-karozza tal-linja tas-soċjetà rikorrenti ħierġa mit-*terminus* b'veloċità għal fuq in-naħa tat-triq fejn kien hemm il-pompa, jiġifieri fid-direzzjoni biex l-vetturi jitilgħu lejn ir-Rabat. Qal li x-xufier tal-karozza tal-linja f'daqqa waħda laqat id-driegħ bin-naħa ta' quddiem tal-lemin tax-xarabank, bil-konsegwenza li qaċċat parti mid-driegħ u kiser parti mill-*windscreen* tal-karozza tal-linja. Żied jgħid li l-ħġieġ tal-*windscreen* waqa' kollu fil-karreġġata leminija, direttament mal-ġenb tal-pompa, jiġifieri dik li jgħaddi minnha t-traffiku fid-direzzjoni opposta li fiha kienet sejra x-xarabank. Qal li wara l-impatt, ix-xufier tal-karozza tal-linja ressaq mal-ġenb, sakemm fuq il-post marru l-*wardens.* Qal li fuq il-karreġġata tax-xellug irriżulta li kien hemm żewġ karozzi tal-linja pparkjati li l-BUS 607 kellu jevita, u kien proprju għalhekk li s-sewwieq tal-karozza tal-linja ġibed għal fuq il-karreġġata tal-lemin meta ħareġ minn ġewwa t-*terminus*.

7. L-intimat qal li r-*reporting officer* li waslet fuq il-post talbitu jdawwar l-id tal-pompa lejn il-lemin sabiex tara din kemm toħroġ 'il barra, iżda din ma setgħetx iddur aktar lejn il-lemin minħabba li bħala *feature* tas-sigurtà din taqta'. L-intimat għamel riferiment għal dak li kkonstatat r-*reporting officer,* li spjegat li mill-pożizzjoni tal-*exit* tat-*terminus* għal fejn kien hemm il-pompa, kien hemm tul biżżejjed biex il-karozza tal-linja ddur u tiddritta, u l-karozzi tal-linja li kien hemm warajha ħarġu.

8. L-intimat għamel riferiment għax-xhieda ta' Aman Deep Singh, li qal li kien hemm żewġ karozzi tal-linja pparkjati fuq il-karreġġata tax-xellug. Żied jgħid li huwa kien ipparkjat fuq in-naħa tal-lemin, fil-post riservat għal vetturi pparkjati, u għalhekk huwa bl-ebda mod ma seta' jostakola l-passaġġ tas-sewwieq tal-karozza tal-linja. Qal li in kontro-eżami, is-sewwieq xehed li huwa ħa *"a wide turn",* u fil-ħin tal-inċident ix-xemx kienet faċċata tiegħu.

9. L-intimat għamel riferiment għal xhieda oħra li taw id-depożizzjoni tagħhom dwar id-dinamika tal-inċident, fosthom il-Perit Valerio Schembri li ġie inkarigat mis-soċjetà rikorrenti sabiex ifassal rapport dwar id-dinamika tal-inċident, u li qal li sabiex fassal ir-rapport tiegħu huwa kellu joqgħod fuq għadd ta' preżunzjonijiet u konġetturi. Dan ix-xhud qal fost l-oħrajn li huwa ma tkellem mal-ebda wieħed mill-partijiet, li ma ħax konsiderazzjoni tal-ħġieġ u tal-fatt li kien fuq il-karreġġata opposta għal dik tal-karozza tal-linja, li ma ħax konsiderazzjoni tax-xemx li kienet eżatt faċċata tal-karozza tal-linja u li setgħet tellfet lix-xufier, u li l-konklużjonijiet tiegħu kienu merament ibbażati fuq superimpożizzjoni li għamel fuq l-iskizz tar-*reporting officer,* liema skizz il-Perit Schembri qal li ma kienx preċiża.

10. B'riferiment għax-xhieda ta' Rafael Orsini, l-intimat qal li dan xehed li ma rax l-inċident iseħħ, li ma kienx preżenti fuq il-post dakinhar li seħħ l-inċident, li ma ħax konsiderazjoni tal-pożizzjoni tal-ħġieġ wara l-impatt, u li l-konklużjonijiet tiegħu huma kollha bbażati fuq opinjoni.

11. L-intimat qal li minn qari tal-*lodo* arbitrali, għandu jirriżulta li l-Arbitru injorat id-depożizzjonijiet tax-xhieda prattikament kollha, u minflok straħet

esklussivament fuq iż-żewġ filmati li ġew esebiti minn Rafael Orsini, u wara li rat dawn il-filmati kkonkludiet li dawn il-*videos* ixejnu t-teorija li d-driegħ tinfetaħ biss orizzontalment, għaliex parti mid-driegħ ma baqgħetx orizzontali u laqtet il-karozza tal-linja waqt li din skorriet il-linja medjana. L-intimat qal li mill-analiżi ta' dawn il-filmati, jirriżulta li l-Arbitru waslet għal għadd ta' konklużjonijiet skorretti għal kollox, fosthom li mill-*videos* ma jidher l-ebda ostakolu fit-triq li kien ser jieħu x-xufier tal-karozza tal-linja; li biex dawwar 'l isfel, ix-xufier tal-*bus* invada bi ftit il-linja medjana, sakemm ġie biex jiddritta; li waqt li bdiet tinfetaħ id-driegħ, mhux biss l-intimat ma kienx qed jagħti każ it-traffiku, iżda kien dahru lejh, okkupat f'konverżazzjoni ma' wieħed mill-ħaddiema li niżel minn vann li pparkja ftit aktar 'l fuq mill-pompa, u jidher li l-attenzjoni tal-intimat kienet aktar iffukata fuq dan il-persuna milli fuq id-driegħ li kien qed jiftaħ. L-intimat qal li l-Arbitru naqset ukoll milli tqis il-post fejn instab il-ħġieġ miksur tal-*windscreen* tal-karozza tal-linja, ossia l-i*spot of impact,* u anzi rraġunat li l-invażjoni tal-karreġġata opposta mill-karozza tal-linja, bl-ebda mod ma titfa' xi forma ta' ħtija kontributorja fuq il-karozza tal-linja. L-intimat qal li minkejja li l-Arbitru injorat il-fatturi kollha hawn fuq imsemmija, hija dehrilha li kellha tikkunsidra li, minkejja li l-pompa kellha permess mill-Kunsill Lokali sabiex tiġi operata, dan il-permess ma kienx jagħti *carte blanche* lill-operatur tal-makkinarju jostakola jew joħloq xi forma ta' periklu għat-traffiku li jkun għaddej fit-triq normali. L-Arbitru qalet li l-operat ta' makkinarju bħal dak li kien qiegħed juża l-intimat, kien jesiġi wkoll li jkun hemm mhux biss l-attenzjoni sħiħa tal-operatur, iżda li jkun hemm ukoll l-assistenza ta' persuna oħra biex jara li ma jkunx qed jinħoloq perikolu għat-traffiku li jkun ġej miż-żewġ naħat. L-intimat qal li kundizzjoni bħal din lanqas biss kienet imposta mill-Kunsill Lokali li kien responsabbli mill-ħruġ tal-permess, u

kienu dawn il-konsiderazzjonijiet żbaljati li wasslu lill-Arbitru tikkonkludi li kien hu li kien responsabbli għall-inċident in kwistjoni. L-intimat qal li huwa evidenti li l-Arbitru sejset il-konklużjoni tagħha fuq il-konsiderazzjoni ta' fatti għal kollox żbaljati u li wassluha għal konvinċiment ugwalment żbaljat. Qal li għalhekk huwa neċessarju li ssir indaġini mill-ġdid tal-provi proċesswali u tal-liġi u tal-prinċipji applikabbli għalihom, għaliex hemm raġunijiet sufficjenti li jiddettaw dan.

12. L-intimat qal li l-punt tat-tluq għall-kunsiderazzjoni tal-Arbitru kellu jkun il-fatt li l-pompa li huwa kien qiegħed jopera kienet ipparkjata mal-ġenb tal-karreġġata li minnha jgħaddi t-traffiku fid-direzzjoni lejn ir-Rabat, fi *splay* riservat għal vetturi pparkeġġjati. Qal li għalhekk, l-istess pompa ma kinitx qiegħda xxekkel it-traffiku hekk kif huwa beda jtella' l-id tagħha b'mod vertikali. Qal ukoll li l-inċident seħħ proprju meta l-BUS 607 ħarġet mit-*terminus*, immanuvrat id-dawra fil-wisa', u invadiet il-karreġġata opposta. Qal li kien proprju minħabba tali invażjoni fil-karreġġata opposta li l-istess xarabank laqtet l-id tal-pompa, u dan kollu huwa korroborat mill-pożizzjoni tad-*debris* li jindika fejn kien l-i*spot of impact.* L-intimat qal li għal xi raġuni l-Arbitru naqset milli tagħti piż lil dawn il-fatturi, partikolarment dak rappurtat mir-*reporting officer* stess li waslet fuq il-post ftit minuti wara, li kkonfermat li l-i*spot of impact* kien fuq il-karreġġata tal-pompa, u l-ħġieġ kien mil-linja medjana 'il ġewwa man-naħa tal-pompa, iżda injorat għal kollox id-depożizzjoni tiegħu. L-intimat qal li għalkemm ir-*reporting officer* ikkorroborat bi sħiħ il-verżjoni mogħtija minnu, fejn ikkonfermat li l-id tal-pompa ma kinitx iddur lejn il-lemin bħala *safety feature* tal-pompa, għandu jirriżulta li dak li kkonkludiet l-Arbitru huwa impossibbli li seħħ, iġifieri li t-tarf tad-driegħ ma baqgħetx orizzontali, tant hu hekk li din laqtet il-karozza tal-linja meta

din skorriet il-linja medjana. L-intimat qal li l-Arbitru naqset ukoll milli tqis ix-xhieda tax-xufier li qal li l-pompa kienet f'nofs it-triq, xi ħaġa li ma kinitx minnha, u li tindika li x-xhieda tax-xufier la kienet kredibbli u lanqas konsistenti. L-intimat qal li l-konsiderazzjonijiet tal-Arbitru kienu għal kollox dominati mill-interpretazzjoni tagħha tal-filmat tal-inċident li ttieħed mit-*terminus*, u li l-angolu li minnu ttieħed il-filmat jista' jagħti dinamika pjuttost mgħarrqa tal-mod kif seħħ l-inċident. Qal li huwa għalhekk li l-Arbitru kellha tieħu kunsiderazzjoni tal-provi kollha prodotti, u mhux biss ta' dan il-filmat.

13. L-intimat saħaq li mill-filmati huwa ferm diffiċli li wieħed jara l-pompa, peress li hemm xarabank ipparkjata li qed timblokka, u mhux ċar kif l-Arbitru individwat lill-intimat mill-filmat esebit, b'tali mod li anki identifikat x'kien qiegħed jagħmel fil-ħin tal-impatt. Qal li anki l-interpretazzjoni tal-Arbitru fir-rigward tal-moviment tal-id tal-pompa hija żbaljata għaliex hija kkonkludiet li l-id tal-pompa kienet ħierġa lejn it-triq. Qal li għall-kuntrarju, mill-filmat jidher li l-moviment tal-id l-ewwel kien 'il fuq, f'direzzjoni vertikali, imbagħad fid-dritt b'mod orizzontali.

14. L-intimat ippreżenta sensiela ta' ritratti, bi *stills* meħudin sekonda b'sekonda, u qal li għandu jirriżulta li tul dan il-ħin, l-id tal-pompa baqgħet f'pożizzjoni perpendikulari għall-pompa, sabiex b'hekk, kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-Arbitru, fl-ebda mument l-id tal-pompa ma tidher li ma baqgħetx orizzontali b'tali mod li skorriet bi ftit il-linja medjana. Qal li mill-filmat għandu jidher ċar il-mod imprudenti li bih il-karozza tal-linja ħarġet mit-*terminus* għal fuq it-triq prinċipali, liema fatt ġie injorat mill-Arbitru. L-intimat għamel riferiment għal ritratt partikolari li jindika li fil-mument tal-impatt, l-id tal-pompa baqgħet bi

dritt il-pompa, filwaqt li x-xarabank marret fuq il-karreġġata l-ħażina tat-triq, bil-konsegwenza li laqtet l-istess id, u mexxietha lejn ix-xellug tat-triq. L-intimat qal li mill-provi kellu jirriżulta li kien is-sewwieq tal-karozza tal-linja li ma żammx *proper lookout* qabel ma ħareġ mit-*terminus,* u li ma kienx konsapevoli taċ-ċirkostanzi ta' madwaru li kienu *in plain view,* qabel ma baqa' dieħel fl-id tal-pompa. Żied jgħid li kien l-istess sewwieq tal-karozza tal-linja li kkonferma li kien hemm żewġ karozzi tal-linja oħra pparkjati fuq il-karreġġata xellugija, u li huwa ma waqafx meta ħareġ mit-*terminus*. Qal li kien l-istess Aman Deep Singh li ammetta li ħa dawra wiesgħa lejn ix-xellug hu u ħiereġ mit-*terminus,* u li ammetta li kellu x-xemx faċċata tiegħu hu u ħiereġ mit-*terminus*, li possibilment xekklet il-viżwali tiegħu. Qal li kien is-sewwieq tal-karozza tal-linja wkoll li ma setax jeskludi li l-ħġieġ imkisser tal-*windscreen* kien fuq il-karreġġata opposta tad-direzzjoni li kien qed isuq fiha meta seħħ l-impatt.

15. L-intimat iċċita minn ġurisprudenza li tispjega x'inhu l-obbligu tal-*proper lookout* li għandu kull sewwieq, li għandu jkollu għarfien tal-konfigurazzjoni tat-triq, tal-frekwenza tat-traffiku fi triq prinċipali, tad-dawl, tal-viżwali u ta' ċirkostanzi partikolari oħra li jistgħu jirrikjedu grad ta' attenzjoni għoli mis-sewwieq. Qal li Aman Deep Singh ikkonferma li l-pompa kienet direttament faċċata tad-daħla, imma huwa ra l-pompa proprju waqt li kien qiegħed idur lejn ix-xellug u mhux qabel, għalkemm il-pompa kienet eżattament quddiemu u hija makkinarju ta' ċertu kobor. Qal li l-konklużjoni tal-Arbitru li *"ma kienx foreseeable"* għax-xufier tal-karozza tal-linja li jħares lejn l-ajru, mhijiex sostenibbli, u m'hemmx dubju li l-pompa ma kinitx fl-ajru kif saħqet l-Arbitru, għaliex kieku l-impatt ma kienx iseħħ.

16. Qal li lanqas m'huwa ġustifikabbli li x-xufier tax-xarabank ma rax il-pompa qabel dar għaliex kellu x-xemx f'għajnejh, meta l-makkinarju operat minnu kien *in plain view.* Qal li huwa prinċipju rassodat fil-ġurisprudenza, li min ikollu x-xemx f'għajnejh, irid jeżerċita kura akbar fis-sewqan. Qal li mill-filmat esebit u mix-xhieda tas-sewwieq tax-xarabank, jirriżulta li anki jekk kellu l-viżwali ostakolata bix-xemx f'għajnejh, is-sewwieq tax-xarabank ma ħa l-ebda prekawzjoni sabiex jeżerċita attenzjoni akbar meta kien ħiereġ minn triq sekondarja għal triq prinċipali, għaliex mhux talli baqa' ħiereġ mingħajr ma waqaf, iżda b'veloċità elevata għaċ-ċirkostanzi, tenut kont id-daqs tal-vettura u l-preżenza tax-xarabank fil-karreġġata tiegħu, ħa dawra fil-wisgħa bil-konsegwenza li invada l-karreġġata leminija, u għalhekk baqa' dieħel fl-id tal-pompa. L-intimat qal li kienet ir-*reporting officer* stess li kkonfermat li l-ħġieġ tal-*windscreen* tax-xarabank, ossia l-i*spot of impact* kien jinsab kollu fil-karreġġata leminija, preċiżament maġenb il-pompa. Qal li dan il-frak tal-ħġieġ jidher ukoll mir-ritratt meħud mill-uffiċjali investigattiv. L-intimat qal li għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li s-sewwieq tax-xarabank invada l-karreġġata leminija, u dan mhux bi ftit kif ikkonkludiet l-Arbitru fil-*lodo* arbitrali tagħha, u dan il-fatt ma kellux jiġi skartat b'mod leġġer meta l-Arbitru rraġunat li l-fatt li x-xufier tax-xarabank skorra l-linja medjana bi ftit, ma jaddebitalu l-ebda forma ta' ħtija kontributorja. L-intimat qal li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li, ladarba dan il-fatt jiġi ppruvat, il-preżunzjoni tar-responsabbilità għandha tkun kompletament kontra s-sewwieq li jkun ikkommetta l-invażjoni. Qal li lanqas m'huwa ġustifikat li n-nuqqasijiet tas-sewwieq tax-xarabank jiġu skużati, sempliċiment għaliex il-kolliżjoni ma seħħitx ma' traffiku li kien ġej mid-direzzjoni opposta tiegħu meta huwa invada tali

karreġġata. Qal li huwa fatt innegabbli li kieku x-xufier tax-xarabank baqa' fuq il-karreġġata xellugija, l-inċident ma kienx iseħħ.

17. L-intimat qal li l-manuvra azzardata li għamel is-sewwieq tax-xarabank, li ħareġ mit-*terminus* bl-amment, u mingħajr ma ħa kont ta' x'kien hemm fit-triq, bil-konsegwenza li ħa dawra wiesgħa u invada l-karreġġata opposta, fejn ħabat mal-id tal-pompa li kienet qiegħda testendi fid-dritt b'mod orizzontali, kienet il-kawża prossima, unika, u diretta tal-inċident in kwistjoni.

18. L-intimat għamel riferiment għall-permess maħruġ mill-Kunsill Lokali, u għall-impatt li dan il-permess kellu fuq ir-responsabbilità għall-akkadut. Qal li l-Arbitru ma kellha l-ebda dubbju dwar il-fatt li verament kien hemm permess għax-xogħlijiet, u li l-pompa nnifisha ma kinitx tesporġi 'l barra, tant hu hekk li t-traffiku seta' jibqa' għaddej b'mod regolari. Iżda l-kwistjoni għall-Arbitru kienet li minkejja li kien hemm permess, dan ma kienx jagħti permess assolut lill-operatur ta' makkinarju li jostakola t-triq jew li joħloq xi forma ta' periklu għat-traffiku li jkun għaddej normali fi triq. L-intimat qal li għalhekk l-Arbitru ppretendiet li l-intimat, li hu ħaddiem li kien qiegħed jaqdi dmirijietu, imur oltre minn dak rikjest mir-regolatur sabiex iżid il-prekawzjoni fuq il-post fejn kien qiegħed jaħdem, u dan meta ma kien qiegħed jinħoloq l-ebda ostakolu għat-traffiku fit-triq. L-intimat qal li fost il-kundizzjonijiet tal-permess kien hemm li huwa seta' jipparkja wkoll fuq il-bankina sabiex ma joħloqx ostakolu għat-traffiku, għaliex kieku kien fit-triq kienet tkun meħtieġa l-preżenza ta' *warden.* Qal li dawn il-kundizzjonijiet ġew onorati minnu, u kienet l-Arbitru stess li kkonkludiet li l-pompa ma kinitx tesporġi 'l barra mill-karreġġata. L-intimat qal li l-Perit Mark Anthony Cardona kkonferma li l-obbligu li jkun hemm uffiċjal fit-triq jew karreġġata li tingħalaq,

huwa impost mill-Kunsill Lokali u mhux minn Transport Malta, għaliex il-permess joħroġ mill-istess Kunsill. Qal li huwa żamm mal-kundizzjoni tal-permess, u pparkja l-pompa b'tali mod li ma ostakolax it-traffikku li kien għaddej fit-triq, u dan kif ikkonfermat mill-Arbitru stess. Qal li huwa rama *cones* madwar il-pompa, u kien fid-diskrezzjoni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat jekk jiġux imposti prekawzjonijiet addizzjonali, bħall-impożizzjoni ta' *traffic control officer, warden,* jew pulizija fuq il-post, liema prekawzjonijiet l-istess Kunsill Lokali ħass li ma kinux neċessarji fiċ-ċirkostanzi.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

19. Is-soċjetà rikorrenti wieġbet li l-*lodo* arbitrali jimmerita konferma għaliex huwa ġust kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt. Qalet li filwaqt li l-intimat jagħti sinteżi tal-fatti kif ġraw, huwa ma jagħtix stampa kompluta għaliex l-intimat kien selettiv fix-xhieda li għamel riferiment għaliha fir-rikors tal-appell tiegħu. Ir-rikorrenti qalet li fl-istadju fejn l-intimat qiegħed jitlob lil din il-Qorti tal-Appell tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi, dan kellu jressaq il-punti saljenti kollha rilevanti għad-determinazzjoni tal-vertenza, għaliex inkella d-deċiżjoni tkun waħda manifestement żbaljata. Qalet li jidher li l-uniku aggravju tal-intimat huwa n-nuqqas ta' qbil mal-evalwazzjoni tal-provi li għamel l-Arbitru kif rifless fil-*lodo* arbitrali, għaliex skont hu l-Arbitru kellu jsib ħtija fix-xufier tal-karozza tal-linja. Is-soċjetà rikorrenti bdiet billi qalet li l-intimat imkien ma wera x'inhi r-raġuni daqstant gravi u serja li timmerita li jiġi disturbat l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti, u fil-lodo arbitrali hemm sinteżi fidila u sħiħa tal-provi kollha li tressqu mill-partijiet. Qalet li t-Tribunal stabbilixxa li l-aktar prova

importanti u oġġettiva kienu il-filmati ta' dak li seħħ fil-mumenti ta' qabel l-inċident, waqt u wara l-impatt, u dan bl-ebda mod ma jista' jwassal biex il-konklużjoni tat-Tribunal titqies li hija irraġonevoli jew li timmerita evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi li tressqu quddiem it-Tribunal. Qalet li r-raġunament tat-Tribunal kien ċar, konsistenti u korrett, u meta t-Tribunal għarbel u straħ fuq il-provi, qies li l-filmat in kwistjoni kien determinanti għall-vertenza. Ir-rikorrenti qalet li din il-Qorti tal-Appell m'għandhiex tiddisturba leġġerment l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti, sakemm ma jirriżultax li dan huwa vvizzjat minn żball manifest li jekk ma jiġix rettifikat, parti jew oħra ser issofri inġustizzja. Is-soċjetà rikorrenti qalet li minn dan l-aspett, l-appell intavolat mil-*lodo* arbitrali għandu jiġi miċħud, imma jekk din il-Qorti tqis li għandha tindaga dwar il-mertu tal-*lodo* appellat u l-apprezzament tal-provi li sar, din il-Qorti għandha ssib li dan il-*lodo* huwa ġust fil-fatt u fid-dritt.

20. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-inċident in kwistjoni ma jikkonċernax ħabta bejn żewġ vetturi li qegħdin jinstaqu fit-triq regolament, iżda jirrigwarda l-operat fit-triq ta' *concrete pump* tat-tip *Putzmeister 36Z-meter Truck Mounted Concrete Boom Pump*, bi driegħ robotiku twil, biex iwassal il-konkrit minn ġo fiha għal ġos-sit ta' kostruzzjoni. Qalet li dan id-driegħ robotiku jestendi kemm orizzontalmnet kif ukoll vertikalment, u jista' jintewa fuqu nnifsu fil-forma tal-ittra 'M', b'tali mod li jestendi 'l barra mill-konfini tal-krejn li fuqu huwa installat. Ir-rikorrenti qalet li skont l-ispeċifikazzjonijiet ta' dan it-tip ta' *boom,* hemm diversi modalitajiet kif dan id-driegħ jista' jinfetaħ u jestendi, u l-firxa tad-driegħ tal-pompa testendi mhux biss orizzontalment iżda anki vertikalment, kif jidher mid-diagrammi esebiti fil-proċess. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-inċident ma seħħx meta l-krejn tal-

konkos kien qiegħed jinstaq fit-triq, iżda meta d-driegħ tal-*boom* kien qed jiġi operat manwalment, permezz ta' *joystick* li l-intimat kien qed iżomm imdendla m'għonqu, billi d-driegħ robotiku tal-pompa kien qed jinfetaħ kemm lateralment kif ukoll vertikalment f'għoli 'l fuq mill-viżwal tax-xufier li kien bil-qiegħda fil-vettura, u kien qed jiġi estiż b'dan il-mod għal fuq l-ispazju tal-karreġġata fit-triq. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-inċident kien wieħed vjolenti u li seta' kellu konsegwenzi serji. Spjegat li mal-impatt, il-ħġieġa tal-*windscreen* ġiet imbuttata 'l ġewwa fid-direzzjoni tax-xufier tal-karozza tal-linja, u nfaqgħet għal fuqu. Qalet li l-inċident seħħ meta d-driegħ tal-pompa bil-musmar fit-tarf tiegħu, li kien qed jiġi estiż mill-għoli għal fuq l-ispazju tal-via karreġġabbli tat-triq, niżel għal fuq il-parti ta' quddiem tal-karozza tal-linja, għattan parti mis-saqaf tagħha, u faqa' l-*windscreen* fin-naħa tal-lemin fejn kien pożizzjonat ix-xufier. Is-soċjetà rikorrenti qalet li f'dan il-mument, il-karozza tal-linja kienet qiegħda tinstaq regolarment fit-triq, wara li kienet għadha kif ħarġet mit-*terminus* tal-karozzi tal-linja, u laħqet kisret lejn ix-xellug fid-direzzjoni lejn il-Qala.

21. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-inċident seħħ fi Triq Giorgio Borg Olivier, ir-Rabat, Għawdex, liema triq fiha żewġ karreġġati fid-direzzjonijiet opposti, u l-post fejn seħħ l-inċident huwa viċin il-bokka tal-entratura u tal-ħruġ tal-venda tal-karozzi tal-linja, sabiex b'hekk dan minnu nnifsu jiġġenera traffiku konsiderevoli. Qalet li l-krejn li minnu kienet qiegħda tiġi operata l-pompa, kien parkeġġjat aktar 'l isfel fuq in-naħa l-oħra tat-triq, u fuq in-naħa l-oħra tal-ħruġ mill-venda hemm *bus stop* fuq ix-xellug fejn kien hemm karozza tal-linja oħra pparkjata tul il-ħin kollu minn meta ħarġet mill-venda il-karozza tal-linja involuta fl-inċident, sakemm seħħ l-impatt.

22. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-operat tal-pompa kien wieħed dilettantesk, nieqes minn kull diliġenza rikjesta minn *bonus paterfamilias,* u dan kemm meta ntalab il-permess tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex, anki meta sar l-ippożizzjonar tal-krejn fit-triq in kwistjoni, u kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-operat tal-krejn mill-intimat.

23. Qalet li l-pompa kienet koperta bil-permess tal-Kunsill Lokali, u l-permess kien għal bejn it-0830 u s-1300. Imma skont ir-rapport imħejji mill-*warden* David Vella, il-permess tal-Kunsill Lokali kien ikopri l-ħin bejn it-0800 u s-1300, minkejja li l-istess *warden* xehed li huwa ma kienx ħa kopja tal-permess. Is-soċjetà rikorrenti qalet li huwa evidenti li l-permess li ra l-*warden* ma kienx fidil għall-permess li kien inħareġ mill-Kunsill Lokali, għaliex kellu diskrepanza fil-ħin tal-użu tal-pompa li kien kopert bil-permess. Qalet li mill-ħin tal-filmati prodotti minnha u anki mill-ħin indikat mill-*warden,* għandu jirriżulta li l-inċident seħħ qabel il-ħin meta kien permess li tiġi operata l-pompa. Qalet li l-intimat xehed li huwa kien ilu jagħmel dan ix-xogħol, u dan jirrendi l-imġiba tiegħu aktar gravi għaliex mingħajr ma ra l-permess, mingħajr ma vverifika l-kundizzjonijiet tal-permess, u mingħajr ma waħħal il-permess kif suppost, beda jimmanuvra u jopera d-driegħ tal-pompa. Qalet li huwa probabbli li l-ebda permess ma laħaq inġab għall-operat tal-pompa dakinhar, u kien biss *ex post facto* l-inċident li ntalab u nħareġ il-permess tal-Kunsill Lokali.

24. Is-soċjetà rikorrenti qalet li mill-provi jirriżulta li l-permessi tal-Kunsilli Lokali jinħarġu fuq l-informazzjoni li tingħata mill-applikant, u l-kundizzjonijiet li jimponi l-Kunsill Lokali jkunu abbinati mal-informazzjoni li tkun ingħatat mill-applikant. Qalet li l-Kunsill ma jagħmilx verifiki indipendenti dwar l-informazzjoni

li tingħata. Qalet li għalhekk ladarba qiegħda tingħata informazzjoni lil uffiċjal pubbliku, din għandha tkun sħiħa u fidila mal-verità. Qalet li skont ma jirriżulta mill-permess, kien hemm tliet kundizzjonijiet li kellhom jiġu osservati, fosthom li t-triq ma tingħalaqx. Ir-rappreżentanta tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex, Miriam Attard, xehdet li jekk il-makkinarju jesporġi ʼl barra mill-bankina għal fuq it-triq, dan ikun qiegħed jostakola t-traffiku, u għalhekk ikun meħtieġ li t-triq tingħalaq bil-*wardens.* Is-soċjetà rikorrenti qalet li mill-provi jirriżulta li l-makkinarju li kien qiegħed juża l-intimat, kien jesporġi kollu ʼl barra mil-linja tal-konfini tal-i*splay* fit-triq, u dan ifisser li l-Kunsill Lokali ma ġiex mogħti l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jistabbilixxi l-kundizzjonijiet kollha li kellhom jiġu osservati. Qalet ukoll li jidher li r-roti tan-naħa tax-xellug tal-pompa kienu jesporġu bi ftit ʼil barra, l-*outriggers* kienu jesporġu ʻl barra kompletament, u d-driegħ robotiku tal-pompa kien qiegħed jiġi operat kompletament fl-arja fil-via karreġġabbli tat-triq, ossia fl-ispazju tal-ajru tal-karreġġati fiż-żewġ direzzjonijiet opposti. Is-soċjetà rikorrenti qalet li dan ifisser ukoll li l-Kunsill Lokali ma ġiex mogħti l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jasal biex jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li kellhom jiġu osservati fid-dawl tal-fatt li l-ostakolu tal-pompa ma kienx biss lateralment għal fuq it-triq, iżda wkoll vertikalment fl-ispazju li jiġi eżatt fuq il-karreġġati. Qalet li l-operat tal-pompa kien ser jostakola t-traffiku, u partikolarment il-karozzi tal-linja passanti fejn proprju hemm il-bokka tal-venda, li minnha kellhom jgħaddu u jimmanuvraw fil-perikolu ta' pompa li qiegħda titħaddem mingħajr il-prekawzjonijiet neċessarji li jissalvagwardjaw l-inkolumità tal-utenti tat-triq.

25. Is-soċjetà rikorrenti qalet li mill-provi jidher ċar li ma kien hemm l-ebda barrikati jew sinjali oħra li jindikaw l-isporġenza fit-triq tad-driegħ tal-pompa, u minkejja li l-intimat iddikjara li huwa kien poġġa l-*cones* waħda mas-sieq ta' wara u l-oħra mas-sieq ta' quddiem tal-*krejn,* il-filmati juru mod ieħor. Qalet li mill-filmat estratt mill-kamera li hemm mal-ġenb tal-venda, jirriżulta li wara li telqet il-karozza tal-linja li kienet ipparkjata fil-*bus stop* fi Triq George Borg Olivier, , jidher ċar li ma kien hemm l-ebda *cones* fuq il-parti ta' wara tal-pompa kif qal l-intimat. Żiedet tgħid li anki li kieku jirriżulta li verament kien hemm il-*cones* impoġġija, dawn ma kinux suffiċjenti biex jiddelineaw iż-żona sħiħa fejn kien qiegħed jiġi użat id-driegħ tal-pompa li kien jestendi kemm vertikalment u anki lateralment ferm aktar mis-sieq tal-*outrigger* tal-krejn. Qalet li jirriżulta ċar ukoll li ma kien hemm l-ebda kurdun li jiżola l-via karreġġabbli tat-triq miż-żona li fiha seta' jiġi operat id-driegħ tal-pompa, jew tal-anqas persuna li tkun qiegħda tagħti direzzjonijiet lill-passanti veikolari jew bil-pass. Qalet li minħabba dan in-nuqqas, vetturi u passanti oħra għaddejjin fit-triq għall-affari tagħhom ma kinux konxji mill-periklu li kien għaddej fuq rashom. Is-soċjetà rikorrenti qalet li kienet responsabbilità tal-intimat li jassigura li jkollu żona sigura fejn jimmanuvra d-driegħ tal-pompa u mhux jinħeba wara r-responsabbilità ta' xi uffiċjal tal-Kunsill Lokali, u jgħid li kienu dawn li naqsu milli jimponu fuqu kundizzjonijiet ulterjuri. Barra minn hekk l-intimat innifsu xehed li ma kienx jaf x'kienu l-kundizzjonijiet tal-permess, u għalhekk is-soċjetà rikorrenti qalet li għandu jsegwi li l-intimat ma setax isegwi tali kundizzjonijiet marbuta mal-permess.

26. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-miżuri ta' sigurtà kellhom jittieħdu mill-intimat bħala l-operatur tal-krejn, li kellu jassigura li ħadd ma jitħalla fir-raġġ ta'

dawrien tal-pompa, it-tul tal-projezzjoni orizzontali u vertikali tad-driegħ miftuħ sal-massimu tiegħu, bir-riżultat li għalhekk kellha tingħalaq it-triq. Is-soċjetà rikorrenti qalet li dan kollu sar bi ksur tar-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali, li fir-Regolament 8(3)(b) jgħid illi l-intimat kellu d-dmir li *'jagħmel dawk il-marki kollha li jkunu neċessarji sabiex jiġi evitat kull perikolu għall-pubbliku u għall-vetturi',* u li kien fl-obbligu tal-operatur tal-krejn li *'juża l-mezzi kollha neċessarji sabiex ma ssirx ħsara jew xi dannu ieħor lit-triq jew proprjetà oħra'.*

27. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-ħtija tal-intimat tirriżulta wkoll mill-mod negliġenti kif opera d-driegħ tal-pompa f'ċirkostanzi fejn iż-żona tal-operat tad-driegħ ma kinitx mifruda u segregata mill-bqija tal-via karreġġabbli tat-triq. Qalet li għandu jirriżulta li l-intimat mhux biss ma ħax il-kawteli opportuni, iżda ħa riskju xjentement billi lanqas biss ħares fejn kellu jħares, tant hu hekk li l-karozza tal-linja raha biss wara l-ħabta. Qalet li l-intimat stess xehed li meta kien qed jopera l-krejn, huwa kien qiegħed iħares lejn id-driegħ tal-*jib* u mhux lejn it-triq, u għalhekk għandu jirriżulta li l-intimat la kellu viżwali tat-triq u lanqas tat-traffiku passanti f'dak il-mument. Qalet li għalhekk huwa ġustifikat il-*lodo* arbitrali li stabbilixxa li l-kawża tal-inċident kien l-aġir tal-intimat meta kien qed jimmanuvra *heavy plant machinery* mingħajr konsiderazzjoni għat-traffiku li kien għaddej, u mingħajr ma assigura li ma kienx qed jagħmel hekk b'riskju għal ħaddieħor.

28. B'riferiment għall-allegazzjoni tal-intimat li kien ix-xufier tax-xarabank li ma żammx *proper lookout,* is-soċjetà rikorrenti tgħid li l-pompa ma kinitx pożizzjonata eżatt faċċata tal-bokka tal-venda, iżda aktar 'l isfel, u għalhekk huwa naturali li x-xufier tax-xarabank kellu viżwali tal-pompa hekk kif beda jdur, u anki

peress li huwa immaterjali għall-fini tal-kawża fejn kienet pożizzjonata l-pompa fissa, għaliex l-inċident stradali ma seħħx mal-pompa iżda mad-driegħ li kien qed jesporġi lateralment u vertikalment fuq it-triq. Qalet li huwa fatt innegabbli, li jirriżulta mill-filmati tal-kamera nstallata eżatt fuq ix-xufier, li x-xufier kien qiegħed iħares fiż-żewġ direzzjonijiet tat-triq, u ma jidher li kien hemm l-ebda ostakolu la fi triqtu u lanqas quddiemu. Qalet li għalhekk kienet f'waqtha l-osservazzjoni tat-Tribunal, li l-uniku post li ma ħarisx lejh ix-xufier kien fl-ajru, minn fejn kien nieżel id-driegħ tal-pompa.

29. Is-soċjetà rikorrenti qalet li mill-filmat tal-kamera tal-venda, wieħed jista' josserva d-daqqa mill-għoli tal-musmar tad-driegħ tal-pompa, li kien elevat mis-saqaf tax-xarabank, u li niżel qiesu vleġġa fuq ix-xarabank. Qalet li kien għalhekk li l-impatt inizjali juri li l-ħsara mġarrba fix-xarabank kienet fis-saqaf tat-tarf ta' quddiem tax-xarabank u l-*windscreen.* Qalet li l-ħsara li ġiet imġarrba hija prova oġġettiva li timmina serjament it-teżi tal-intimat li d-driegħ kien b'xi mod *in plain view* tax-xufier tax-xarabank, anki għaliex il-filmati juru li ma kien hemm l-ebda ostakolu viżibbli għas-sewwieq tal-karozza tal-linja.

30. Is-soċjetà rikorrenti qalet li filwaqt li l-intimat jallega li l-viżwali tax-xufier tax-xarabank setgħet kienet ostakolata mix-xemx, għandu jiġi senjalat ukoll li fl-ebda ħin ma sar dan l-argument mix-xufier tax-xarabank sabiex jiġġustifika għaliex ma rax id-driegħ tal-*jib* nieżel mill-ajru. Qalet li din l-allegazzjoni saret biss mill-intimat, u l-fatt li ngħad minn wieħed mix-xhieda li x-xemx titla' mid-direzzjoni tal-Qala, jiġifieri mid-direzzjoni fejn kien intenzjonat li jmur is-sewwieq tax-xarabank, ma jwassalx għall-konklużjoni li dan kellu l-viżwali ostakolata. Qalet li anki s-sewwieq tagħha qal li dak il-ħin ir-raġġi tax-xemx ma kinux ta' problema

għalih, u l-punt kollu huwa li d-driegħ tal-*jib* kien ’il barra mil-linja tal-viżjoni tal-*windscreen,* u tal-mirja, u tal-ħġieġ tal-ġnub.

31. B’riferiment għall-post fejn seħħ l-impatt għaliex instab il-ħġieġ mil-linja medjana ’l ġewwa, is-soċjetà rikorrenti qalet li l-pożizzjoni li qiegħed jieħu l-intimat hija żbaljata għal kollox. Qalet li mill-provi jirriżulta li l-*warden* ma kienx l-ewwel persuna li aċċeda fuq il-post tal-inċident, u qablu laħqu waslu fuq il-post uffiċjali tal-Pulizija. Qalet li l-*warden* aċċeda fuq il-post tal-inċident madwar għaxar minuti wara, u ma jirriżultax li x-xena tal-inċident ġiet ippreservata b’mod li wieħed jista’ jasal għall-istess konklużjoni li wasal għaliha l-*warden.* Qalet li fil-fatt mir-ritratt li ttieħed mill-*warden,* jirriżulta li kien hemm persuna fuq il-post tal-inċident li kinset il-ħġieġ tal-*windscreen,* u għalhekk l-ebda konklużjoni ma tista’ tinsilet mill-pożizzjoni tal-ħġieġ li kien hemm fl-art wara l-inċident. Is-soċjetà rikorrenti qalet li daqstant ieħor ma tista’ tinstilet l-ebda konklużjoni mill-istqarrija tal-*warden* li d-driegħ kien iritrat lura 1.6 metri mil-linja medjana, u dan għaliex l-operatur tal-krejn ma kienx f’pożizzjoni li jiftaħ id-driegħ kollu minħabba li dan kien ġarrab il-ħsara. Qalet li qabel il-*warden* aċċeda fuq il-post, id-driegħ kien diġà ġie mċaqlaq u ma baqax imwaħħal kif kien ġol-*windscreen* tal-karozza tal-linja. Qalet li mill-filmati esebiti għandu jirriżulta li l-musmar tad-driegħ tal-pompa ġie irtirat lura wara li laqat is-saqaf tax-xarabank, u faqa’ l-*windscreen.*

32. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-pompa kienet qiegħda tiġi operata viċin il-bokka tal-ħruġ tal-karozzi tal-linja mill-venda tar-Rabat, u maġenb il-ħruġ hemm *bus bay* fejn jistennew il-karozzi tal-linja. Qalet li x-xarabank fiha tul ta’ 11-il metru u 2.6 metri wisa’. Hawnhekk is-soċjetà rikorrenti ċċitat mir-rapport tal-Perit Valerio Schembri li qal li: *“isegwi li min kien qed isuq il-bus in kwistjoni mexa*

*bil-prudenza neċessarja li tirrispetta l-kurva jew* swept path *minimu li jeħtieġ jittieħed sabiex bus tal-kejl imsemmi toħroġ mit*-terminus *in kwistjoni."* Qalet ukoll li mill-konstatazzjonijiet li għamel il-Perit Schembri, għandu jirriżulta li l-manuvra tax-xarabank ma kinitx waħda azzardata, iżda waħda li ssegwi d-diliġenza meħtieġa sabiex vettura ta' dik id-dimensjoni tiġi mmanuvrata u toħroġ mill-venda, u ddur f'angolu ta' disgħin grad meta tikser lejn ix-xellug. Qalet li fi kwalunkwe każ, anki li kieku kellu jitqies li x-xarabank xirfet bi ftit bil-parti ta' quddiem tagħha għal fuq il-karreġġata opposta, dan ma jfissirx li l-inċident seħħ tort tax-xufier tax-xarabank, u l-kawża prossima tal-inċident kienet in-negliġenza tal-intimat fl-operat tal-pompa. Qalet li l-intimat kien jaf li kien qiegħed jopera pompa viċin il-venda tal-linja, u għalhekk seta' jobsor li l-karozzi tal-linja kienu ser jidħlu u joħorġu minn dan il-post b'ċerta frekwenza. Qalet li għalhekk l-appell interpost mill-intimat ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

33. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-aggravju uniku tagħha huwa marbut mad-deċiżjoni dwar it-talba għall-ħlas tal-imgħaxijiet, għaliex fil-*lodo* arbitrali ġie deċiż li l-intimat għandu jħallas l-imgħax legali fuq il-*quantum* tad-danni b'effett mid-data tal-*lodo* arbitrali sad-data tal-ħlas finali. Qalet li l-*quantum* kien ġie likwidat fl-Avviż tal-Arbitraġġ li bih infetħu dawn il-proċeduri, u permezz tal-verbal tas-seduta tal-11 ta' April, 2018, ġie dikjarat mill-intimat li l-*quantum* tad-danni reklamati mis-soċjetà rikorrenti ma kienx qiegħed jiġi kkontestat. Qalet li ladarba t-talba għall-ħlas tad-danni kienet magħrufa jew faċilment determinabbli, l-imgħax għandu jibda jiddekorri minn dakinhar li saret l-ewwel talba b'att

ġudizzjarju, u mhux minn dakinhar li ngħatat id-deċiżjoni li kkonfermat dak l-ammont. Qalet li f'każ bħal dan, il-massima *in illiquidis non fit mora* ma tibqax tgħodd. Qalet li hija llikwidat it-talbiet tagħha billi talbet lill-intimat iħallas ammont ta' kumpens speċifikat u determinat, u fi kwalunkwe każ ma ngħatat l-ebda motivazzjoni għalfejn it-Tribunal ma mexiex mal-prinċipji stabbiliti.

**<u>Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali</u>**

34. L-intimat wieġeb li l-aggravju mressaq mis-soċjetà rikorrenti fl-appell inċidentali tagħha m'għandux jintlaqa', u dan għaliex hemm numru ta' eċċezzjonijiet li setgħu jiġu applikati għal dak pretiż mis-soċjetà rikorrenti. Qal li l-fatt li kreditur f'kawża jippretendi somma fissa, ma jfissirx li l-ammont ikun determinat, u f'ċirkostanzi bħal dawk odjerni, id-dekors tal-imgħax għandu jkun mid-data minn meta l-ammont jiġi determinat ġudizzjarjament permezz tal-*lodo* arbitrali. Qal li l-Arbitru rrikonoxxiet il-kontestazzjoni tal-każ, u kien għalhekk li l-ewwel jeħtieġ li jiġi determinat l-ammont bi proċess ġudizzjarju.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

35. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-intimat fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fil-*lodo* arbitrali, u tas-sottomissjonijiet li saru mis-soċjetà rikorrenti. Sussegwentement il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravju mressaq mis-soċjetà rikorrenti fl-appell inċidentali tagħha.

*L-Aggravju:* *[It-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li l-intimat huwa responsabbli għall-inċident – id-deċiżjoni tal-Arbitru kienet manifestement żbaljata u għalhekk hemm lok fejn jiġi ddisturbat l-apprezzament tal-provi li sar mill-Arbitru]*

36. L-intimat jgħid li t-Tribunal kien żbaljat għaliex ibbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq dak li jidher mill-filmati esebiti in atti, liema filmati ma ttieħdux minn angolu li jagħti stampa preċiża ta' x'kien li wassal għall-akkadut. Jgħid li minħabba f'hekk l-Arbitru waslet għal diversi konklużjonijiet żbaljati, fosthom li ma kien jidher l-ebda ostakolu fit-triq, li x-xufier tal-karozza tal-linja invada bi ftit il-linja medjana fit-triq, u li l-intimat ma kienx moħħu fit-triq għaliex fil-ħin tal-inċident deher jitkellem ma' terza persuna. L-intimat qal li l-Arbitru, fil-konsiderazzjonijiet tagħha, injorat għal kollox fatturi oħra, fosthom il-pożizzjoni tad-debris tal-inċident, li jagħti indikazzjoni ċara ta' fejn kien l-i*spot of impact.* L-Arbitru qalet li l-fatt li kellu permess biex jarma l-pompa fit-triq, ma jfissirx li huwa kellu *carte blanche* biex jostakola t-triq jew jipperikolaha, u sabiex iħares l-obbligi tiegħu huwa kellu jassigura li jkun assistit waqt li jkun qiegħed jagħmel ix-xogħol fl-inħawi. L-intimat qal li dawn l-iżbalji fil-konsiderazzjonijiet tal-Arbitru wasslu għal ġudizzju żbaljat, u huwa għalhekk li fil-fehma tiegħu trid issir evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi minn din il-Qorti.

37. L-intimat saħaq li l-inċident seħħ biss meta l-karozza tal-linja ħarġet mit-*terminus* u mmanuvrat id-dawra fil-wisa', sabiex b'hekk invadiet il-karreġġata opposta. Qal li l-pożizzjoni tal-ħġieġ, jiġifieri mil-linja medjana 'l ġewwa lejn il-pompa, jindika fejn seħħ l-impatt, u qal li meta s-sewwieq tal-karozza tal-linja ta d-depożizzjoni tiegħu, dan qal li l-pompa kienet f'nofs it-triq, u għalhekk huwa

evidenti li din ix-xhieda mhijiex kredibbli. L-intimat qal li kien ix-xufier tal-karozza tal-linja li ħareġ mill-venda b'mod imprudenti, li naqas milli jżomm *proper lookout* għaliex ma qiesx iċ-ċirkostanzi ta' madwaru qabel ħareġ għat-triq, u kien hemm fatturi oħra bħax-xemx faċċata, li setgħu fixklu l-viżjoni tas-sewwieq waqt li kien qiegħed isuq. Qal ukoll li mhux minnu li l-pompa kienet fl-ajru fil-ħin tal-inċident, kif ġie kkonstatat mill-Arbitru. L-intimat qal li kien ix-xufier tal-karozza tal-linja li ħareġ mill-venda b'veloċità elevata, u anki r-*reporting officer* ikkonkludiet li wara l-inċident l-ħġieġ kien kollu maġenb il-pompa fil-karreġġata tal-lemin. Qal li kien ix-xufier tal-karozza tal-linja li għamel manuvra azzardata u li ħareġ mill-venda bl-amment, mingħajr ma ħa qies ta' x'kien hemm fit-triq. L-intimat qal li huwa kien qiegħed jopera l-pompa bħala impjegat ta' kumpannija, u ma kienx kompitu tiegħu li jiddeċiedi fuq miżuri prekawzjonali addizzjonali kif issuġġeriet l-Arbitru fil-lodo tagħha.

38. Fir-rikors tal-appell, l-intimat isostni li huwa ser jiġi ppreġudikat u li ser isofri inġustizzja jekk din il-Qorti tonqos milli tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi u tal-fatti, għaliex hemm żbalji manifesti fil-konsiderazzjonijiet tal-Arbitru li vvizzjaw il-lodo appellat. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Nazzareno Spiteri et *vs.* Karl Busuttil et**[1], fejn ingħad illi:

> *"... normalment tkun inklinata li tiddisturba tali apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun konvinta li huwa b'dan il-mod biss, li tkun tista' tikkoreġi xi inġustizzja manifesta."*

[1] 27.03.2015.

39. Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Buttigieg *vs.* Anġlu Saliba**, deċiża minn din il-Qorti[2] diversament preseduta, ingħad illi:

> *"... in-norma hija li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell mhux normali li tiddisturba dan l-apprezzament ħlief meta dan ikun manifestement żbaljat u/jew għar-raġunijiet gravi, b'mod li jkun jista' jingħad li abbażi tal-provi prodotti, l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, b'dan li tkun ser issir inġustizzja lejn il-partijiet fil-kawża."*

40. Din il-Qorti eżaminat l-atti tal-proċeduri arbitrali fl-intier tagħhom, sabiex tistabbilixxi jekk mill-evalwazzjoni tal-provi li saret mit-Tribunal, dan kienx ġustifikat jasal għall-konklużjoni li wasal għaliha. Mill-provi jirriżulta li l-inċident in kwistjoni seħħ meta karozza tal-linja proprjetà tas-soċjetà rikorrenti, kienet ħierġa mill-venda tal-karozzi tal-linja li hemm mal-ġenb ta' Triq George Borg Olivier, ir-Rabat Għawdex, u kif qabdet it-triq fid-direzzjoni lejn il-Qala, seħħ l-impatt mad-driegħ tal-pompa li kien qiegħed jopera l-intimat, liema pompa kienet iġġakkjata mal-ġenb tat-triq ftit 'l isfel mill-iżbokk tal-venda. Id-dinamika tal-inċident kienet tali li l-musmar imwaħħal mat-tarf tad-driegħ tal-pompa, niżel għal fuq il-parti ta' quddiem tal-karozza tal-linja, għattan parti mis-saqaf tagħha u faqa' l-*windscreen* fuq in-naħa tal-lemin fejn kien pożizzjonat ix-xufier, u kkaġuna ħafna ħsara fuq ix-xarabank. Jirriżulta wkoll li l-ħin approssimattiv tal-inċident kien ftit qabel it-tmienja ta' filgħodu, u dan minkejja l-indikazzjonijiet li l-permess maħruġ mill-Kunsill Lokali kien ikopri xogħol li kellu jsir bejn it-tmienja u nofs ta' filgħodu u s-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar. Minkejja li l-intimat jgħid li huwa kien kopert bil-permessi neċessarji maħruġa mill-awtorità regolatriċi, ossija l-Kunsill Lokali, huwa ċar ukoll li l-impjegati tal-Kunsilli Lokali joħorġu l-

[2] 15.06.2011.

permess abbażi tal-informazzjoni li tingħatalhom mill-applikanti għal tali permess, u għalhekk fl-eventwalità li ma ngħatatx informazzjoni kompluta, bħal per eżempju, dwar il-firxa tal-operat tad-driegħ tal-pompa, il-Kunsill Lokali ma kienx ser jassumi li per eżempju f'xi ħin kienet ser tkun meħtieġa l-assistenza ta' *warden* fuq il-post, jew li kien jagħmel aktar sens fiċ-ċirkostanzi li t-triq tingħalaq. Mill-provi jirriżulta b'mod ċar li x'ħin infetħu l-*outriggers,* dawn ikkawżaw il-pompa biex toħroġ 'il barra mill-konfini tal-i*splay,* u b'hekk aktarx li kien jagħmel aktar sens li t-triq tingħalaq kollha kemm hi. Dan ma ġarax, u l-intimat jgħid li huwa ħa l-prekawzjonijiet kollha mitluba minnu, billi poġġa l-*cones* mal-ġnub tal-krejn, liema eżerċizzju fil-fehma ta' din il-Qorti kien wieħed inutili għall-aħħar. speċjalment meta wieħed iqis li l-*cones* kienu fil-parti t'isfel, mat-triq, u għalhekk mhux neċessarjament effettivi biex jallertaw lis-sewwieq tal-karozza tal-linja għall-ostakolu li kien ser isib ma' wiċċu hekk kif jilwi ftit wara li joħroġ mill-venda. Hawnhekk għandha raġun is-soċjetà rikorrenti targumenta li bħala operatur ta' dan il-makkinarju li għandu ċerta esperjenza, l-intimat kellu jassigura li seta' jimmanuvra d-driegħ tal-pompa b'ċerta kumdità u mingħajr ma joħloq ostakoli għall-utenti tat-triq, u l-Kunsill Lokali li ħareġ il-permess ma kellux ir-responsabbilità li jagħmel verifika indipendenti dwar dan.

41. Huwa ċar, anki mill-*istills* esebiti mill-intimat innifsu mar-rikors tal-appell tiegħu, li l-inċident seħħ ftit mumenti qabel it-tmienja ta' filgħodu, f'ħin tal-ġurnata meta x-xemx tkun għadha ma telgħetx b'tali mod li tista' taffettwa il-viżwal ta' min ikun qiegħed isuq, kif jallega l-intimat. Fi kwalunkwe każ is-sewwieq tal-karozza tal-linja imkien ma qal li l-viżwali tiegħu kienet imxekkla minħabba l-pożizzjoni tax-xemx fil-ħin tal-inċident. Din il-Qorti għandha d-dubji tagħha dwar

il-veraċità tal-istqarrija tal-intimat, fejn jgħid li s-sewwieq tal-karozza tal-linja ħareġ mill-venda b'ċerta veloċità, għaliex kif jidher mir-ritratti esebiti, f'dik il-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident, is-sewwieq tal-karozza tal-linja ta' bilfors kien ħiereġ ftit mumenti biss wara li startja l-vettura u kien ser jidħol fil-karreġġata li kellha tqabbdu t-triq tal-Qala fejn kien sejjer, u għalhekk żgur li fil-ħin tal-inċident ma laħaqx tella' l-veloċità li allega l-intimat. Mir-ritratti esebiti jirriżulta wkoll li fil-ħin tal-inċident l-pompa ma kinitx eżattament quddiem il-bokka tal-venda, u għalhekk ix-xufier seta' jintebaħ biss bil-pompa hekk kif beda jilwi x-xarabank. F'dan kollu ma tirriżulta l-ebda manuvra azzardata min-naħa tax-xufier tax-xarabank, li setgħet wasslet għall-akkadut, anzi safejn tista' tara u tikkonkludi din il-Qorti, ma kien hemm xejn li seta' jagħmel ix-xufier tax-xarabank sabiex jevita l-impatt li niżel fuqu minn fuq meta l-musmar tad-driegħ baqa' dieħel fis-saqaf u fil-*windscreen* tax-xarabank. F'dan ir-rigward, ma kien hemm l-ebda *proper lookout* li x-xufier tax-xarabank li naqas li josserva, għaliex id-driegħ tal-pompa niżel fuqu minn fuq, u għalhekk dan ċertament li ma kienx fil-*line of vision* tiegħu jew ippożizzjonat b'mod li x-xufier tax-xarabank seta' jarah.

42. Għaldaqstant, u wara li din il-Qorti qieset l-atti u l-provi kollha prodotti, tqis li l-evalwazzjoni tal-provi li għamel it-Tribunal, m'għandhiex tiġi disturbata u t-Tribunal kien korrett fil-konklużjoni tiegħu li l-kawża prossima tal-inċident kienet in-negliġenza murija mill-intimat fl-operat tal-makkinarju li kien qiegħed iħaddem. Għaldaqstant tqis li l-aggravju mressaq mill-intimat fl-appell prinċipali mressaq minnu, mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

43. Is-soċjetà rikorrenti tgħid li ladarba ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni tal-ammont tad-danni pretiżi minnha, l-imgħax legali fuq il-*quantum* tad-danni kellu jiġi kkomputat b'effett mid-data li fiha hija istitwiet il-proċess ġudizzjarju li wassal għad-deċiżjoni finali, u mhux mid-data meta ngħata l-*lodo* mit-Tribunal. L-intimat jikkontendi li l-pretensjoni ta' somma fissa ma tfissirx li l-ammont li jrid jiġi likwidat huwa determinat, u għandu jirriżulta li l-kawża ġiet ikkontestata sabiex b'hekk skatta proċess ġudizzjarju li wassal għad-determinazzjoni tal-*quantum.* L-artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili jitkellem dwar l-obbligu tad-debitur li jħallas l-imgħax għaliex ma jkunx ħallas id-dejn tiegħu fil-ħin, li jfisser li fejn l-obbligazzjoni tkun għall-ħlas ta' somma determinata, id-danni għad-dewmien fil-ħlas jikkonsistu fl-imgħaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma dovuta. F'każijiet ta' din ix-xorta, tqum il-mistoqsija minn meta għandu jinħadem l-imgħax. Bħala regola ġenerali, l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu mill-ġurnata tal-likwidazzjoni tagħhom, u fejn id-dejn ikun inċert jew illikwidu, l-imgħax jibda jiddekorri minn dakinhar li jkun approvat jew likwidat mill-Qorti. L-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> "(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.
>
> (2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni."

44. Il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna tirrikonoxxi li jeżistu eċċezzjonijiet anki għall-prinċipju *in illiquidis non fit mora,* u per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Cauchi *v.* Zammit**, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta[3], ingħad illi:

> *"Ta' min ifakkar però li dan il-prinċipju mhux assolut u, anzi, il-ġurisprudenza tirrikonoxxi temperament tiegħu fil-każ ta' debiti ta' faċili likwidazzjoni jew fejn il-likwidazzjoni tiġi dilazzjonata bi ħtija tad-debitur."*

45. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **John u Salvina konjugi Vella *v.* Carmel u Mary Ann konjugi Camilleri**[4], il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjoni:

> *"16. Fis-sentenza fl-ismijiet: **Antonio Buttigieg vs Salvatore Said** deċiża nhar il-15 ta' Jannar, 1952, l-Imħallef Harding osserva illi meta l-kreditu jkun ċert, u l-kwistjoni tkun biss fuq il-"quantum", u d-debitur jista' jkun jaf approssimament kemm jilħaq id-debitu tiegħu, id-debitur jista' jiddepożita somma approssimattiva, salva re-integrazzjoni, biex, minflok li d-debitur jibqa' jgawdi inġustament l-imgħax fuq is-somma dovuta lill-kreditur, jagħti lil dan l-opportunità li jiżbanka dak l-ammont, bla preġudizzju, u jgawdi huwa l-interessi fuq flusu stess. Jekk però d-debitur ma jagħmilx depożitu simili, ikun każ ieħor fejn il-massima fuq imsemmija dwar id-dekorrenza tal-imgħax ma għandhiex tkun applikabbli."*

46. F'din il-kawża jirriżulta li l-intimat kien ilu li indika li ma kienx ser jikkontesta l-*quantum* pretiż mis-soċjetà rikorrenti sa minn prattikament il-bidu ta' dawn il-proċeduri[5], u l-ammont kollu kif pretiż fl-Avviż tal-Arbitraġġ ġie likwidat mit-Tribunal stante nuqqas ta' kontestazzjoni tal-ammont dovut. Il-Qorti għalhekk sejra tilqa' l-aggravju mressaq mis-soċjetà rikorrenti fl-appell inċidentali tagħha, u qiegħda tiddikjara li l-imgħax legali għandu jitħallas b'effett mid-data tal-Avviż

---

[3] 27.10.2008.
[4] 24.02.2025.
[5] Ara l-verbal tal-udjenza tal-11.04.2018.

tal-Arbitraġġ li bih infetħu il-proċeduri bejn il-partijiet quddiem it-Tribunal, jiġifieri mis-6 ta' Settembru, 2017, u mhux mid-data tal-*lodo* arbitrali.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi mill-appell prinċipali tal-intimat billi tiċħdu, filwaqt li tilqa' l-appell inċidentali tas-soċjetà rikorrenti b'dan illi tiddikjara li l-imgħax legali fuq l-ammont ta' €4,441 likwidati bħala danni għandu jibda jiddekorri mis-6 ta' Settembru, 2017.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi huma a karigu tal-intimat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**